# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2001 .**

**Citazzjoni numru : 25/1995G1(PC)**

**Teddy Rapa bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Rapa Showrooms Limited" .**

**vs**

**Michael Zammit .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta:**

**Illi l-konvenut huwa veru cert u likwidu debitur ta' l-attur fis-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm368.77) dovuta bhala bilanc prezz ta' merkanziji lilu mibjugha u konsenjati .**

**Illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti .**

**Talab lilll-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :**

1. **Tikkidjara lill-konvenut debitu ta' l-attur fis-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm368.77) dovuta bhala bilanc prezz ta' merkanziji lilu mibjugha u konsenjati .**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM368.77) fuq imsemmija dovuta skond kif indikat .**

**Bl-interessi kummercjali .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju, 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine, konfermata bil-gurament ta' Teddy Rapa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

1. **Illi in linea preliminari, ic-citazzjoni odjerna hija monka u nulla ghaliex ma hix akkompanjata bid-dokumenti mehtiega biex isahhu it-talbiet attrici a tenur tal-artikolu 156 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ;**
2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lill-attu nomine skond ma indikat fid-dokument A esebit mill-attur mac-citazzjoni; u dan ghaliex l-esponenti ghandu dritt illi jpaci s-somma mitluba mill-attur ma' ammont ferm akbar dovut lilu mill-attur nomine skond skrittura tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar 1991 .**
3. **Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur nomine qieghed ictu oculi u skond ma jirrizulta mid-dokument "A" jitlob minghand il-konvenut ammonti illi evidentement ma humiex u qatt ma kienu dovuti mill-konvenut .**
4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-attur nomine qed jitlob il-hlas tal-prezz ta' merkanzija diversa mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut . Ghalkemm fic-citazjoni l-attur nomine indika l-ammont ta' tliet mija tmienja u sittin lira maltija u seba' u sebghin centezmu (Lm368.77) , b'nota ta' l-14 ta' Mejju 1996 huwa rriduca t-talba ghal dik ta' tliet mija disa' u erbghin lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm349.33). Dan huwa appuntu l-ammont totali li jirrizulta mid-dokumenti minnu esebiti, li huma kopji fotostatici ta' l-original ta' daqstant *invoices* mahruga mis-socjeta' attrici lill-konvenut, u dan wara li l-*invoices* originali gew murija lill-Qorti, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Teddy Rapa ta' l-istess data (a fol. 38-9 tal-process) .**

**Il-konvenut, li baqa' qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu f'din il-kawza, qieghed jopponi t-talba ghat-tliet ragunijiet indikati fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu .**

**Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenut jikkontendi li c-citazzjoni ma gietx akkumpanjata bid-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba, kif mitlub mil-artikolu 156(2) tal-Kap. 12 . Irrizulta pero' li flimkien mac-citazzjoni tieghu l-attur nomine pprezenta d-dokument "A" li huwa rendikont ta' l-ammont mitluba, biex il-konvenut ikun jaf dwar x'hiex qed issir it-talba, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistghax tregi .**

**Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut jghid li l-ammont pretiz mhux dovut ghax huwa ghandu jpaci l-istess ammont ma' somma akbar dovuta mill-attur f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' attrici, u dana skond ma jirrizulta mill-iskrittura esebita ma' n-nota ta' l-eccezzjonijiet bhala "Dok. A" (a fol. 13 tal-process) . Madankollu, billi dan id-dokument mhux awtentikat, ma jistghax jitqies bhala prova adegwata, fin-nuqqas ta' provi ohra aktar sostanzjali .**

**Fl-ahharnett il-konvenut jargumenta illi r-rendikont esebit mill-attur nomine jindika lil terzi persuni bhala d-debituri u mhux lilu . Huwa minnu illi fil-parti t-isfel tad-"Dok. A" esebit mill-attur nomine, insibu l-kliem "This inv. is Henry Zammit/Michael Cini", pero' kif spjega Teddy Rapa fid-depozizzjoni tieghu fil-kawza "Teddy Rapa noe. v. Michael Zammit noe." (Citaz. 24/1995), fejn a tenur ta' verbal ta' l-20 ta' Frar 1996, il-provi huma applikabbli anke ghall-kawza prezenti, l-konvenut kien imur ghandu jordna anke f'isem ohrajn (a fol. 19) . B'daqshekk ma ngiebet ebda prova li mhux minnu illi l-ordnijiet kien tassew jaghmilhom il-konvenut Michael Zammit direttament, kif hemm imnizzel fl-istess rendikont u l-invoices relattivi . L-ordnijiet kien jaghmilhom Michael Zammit u s-socjeta' attrici lilu biss kienet taf, indipendentement minn min setghu kienu l-mandanti tieghu, li pero' ma kellhom ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-attur nomine .**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici rrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut debitur ta' l-attur fis-somma, kif ridotta ta' tliet mija disa' u erbghin lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm349.33); tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma hekk indikata.**

**Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
Sk2595Pc